A.L. 39 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti Ġenerali ta' l-1996 dwar il-Bordijiet ta' Studji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att.

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti Ġenerali ta' l-1996 dwar il-Bordijiet ta' Studji.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mis-sena akkademika 1994/95.

Twaqqif ta' Bordijiet

3. Għandu jkun hemm Bord ta' Studji għal kull kors ta' studji li jwassal għall-għoti ta' ċertifikat, diploma jew grad.

Kompożizzjoni tal-Bordijiet

4. Kull Bord ta' Studji għandu jiġi maħtur mis-Senat u normalment għandu jkun magħmul minn:

(a) Id-Dekan tal-Fakultà jew id-Direttur ta' l-Istitut rilevanti, jew id-deputat nominat minnu, bħala *Chairman,* u mill-anqas tnejn iżda mhux iżjed minn ħames membri akkademiċi maħturin fuq il-parir tal-Bord tal-Fakultà jew tal-Bord ta' l-Istitut normalment minn fost il-Kapijiet tad-Dipartimenti jew Koordinaturi li għandhom x'jaqsmu b'mod sinifikanti fit-tmexxija tal-kors. Fejn kors huwa koordinat minn persuna speċifikament maħtura mill-Bord, il-koordinatur għandu jkun il-Viċi *Chairman.*

(b) Żewġ studenti eletti minn u fost l-istudenti tal-kors; u

(ċ) Uffiċjal tal-Fakultà, jew membru mill-istaff akkademiku nominat mir-Reġistratur, li għandu jkun is-segretarju.

Funzjonijiet tal-Bordijiet

5. Il-funzjonijiet tal-Bord għandhom ikunu:

(a) li jimplementa r-regolamenti tat-tmexxija tal-kors ta' studji, skond id-direttivi ġenerali li jingħataw mill-Bord tal-Fakultà jew ta' l-Istitut rilevanti;

(b) li jissorvelja u jevalwa l-programm tal-Kors;

(ċ) li jagħmel proposti lill-Bord tal-Fakultà jew ta' l-Istitut rilevanti għar-reviżjoni tal-programm tal-kors u tar-regolamenti; u

(d) li jissorvelja l-proċeduri wzati fil-valutazzjoni tax-xogħol ta' l-istudenti.